

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2010 — British Aggregates et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-359/04) ⁽¹⁾

(“Għajnuna mill-Istat — Taxxa ambjentali fuq il-granulat fir-Renju Unit — Eżenzjoni għall-Irlanda ta' Fuq — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet — Diffikultajiet serji — Linji gwidi Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent”)

(2010/C 288/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: British Aggregates Association (Lanark, ir-Renju Unit); Healy Bros. Ltd (Middleton, l-Irlanda); u David K. Trotter Sons Ltd (rappreżentanti: C. Pouncey, solicitor, u L. Van den Hende, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Flett u T. Scharf, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizzjalment M. Bethell, sussegwentement minn E. Jenkinson u I. Rao, u fl-aħħar nett S. Ossowski, aġenti, assistiti minn M. Hall u G. Facenna, barristers)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1614 finali, tas-7 ta' Mejju 2004, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-emenda tal-eżenzjoni, fl-Irlanda ta' Fuq, tal-imposta fuq il-granulat fir-Renju Unit.

Dispożittiv

- (1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1614 finali, tas-7 ta' Mejju 2004, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-emenda tal-eżenzjoni, fl-Irlanda ta' Fuq, tal-imposta fuq il-granulat fir-Renju Unit hija annullata.*
- (2) *Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti minn British Aggregates Association, Healy Bros. Ltd u David K. Trotter Sons Ltd.*

(3) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu stess.*

(¹) ĠU C 284, 20.11.2004.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2010 — Deltafina vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-29/05) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Spanjol tax-xiri u tal-ewwel ipproċessar ta' tabakk mhux maħdum — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Qbil bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata — Drittijiet tad-difiża — Definnizzjoni tas-suq inkwistjoni — Multi — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi aggravanti — Rwol ta' mexxej — Kooperazzjoni”)

(2010/C 288/53)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Deltafina SpA (Orvieto, l-Italja) (rappreżentanti: R. Jacchia, A. Terranova, I. Picciano, F. Ferraro, J.-F. Bellis, u F. Di Gianni, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, u F. Amato, sussegwentement É. Gippini Fournier u V. Di Bucci, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 4030 finali tal-20 ta' Ottubru 2004 dwar proċedura skont l-Artikolu 81(1) [KE] (Każ COMP/C.38.238/B.2 — Tabakk mhux maħdum — Spanja), u, sussidjarjament, it-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti f'din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- (1) *L-ammont tal-multa imposta fuq Deltafina SpA fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni C(2004) 4030 finali tal-Kummissjoni, tal-20 ta' Ottubru 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81(1) [KE] (Każ COMP/C.38.238/B.2 — Tabakk mhux maħdum — Spanja), huwa f'fissar għal EUR 6 120 000.*